KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta

Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35

Tnejn 19 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-~~sebgħa~~ ~~u nofs~~ TMIENJA NIEQES KWART ta' filgħaxija fit-7.45pm

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
James Cassar – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mario Sammut – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier

ASSENTI
Angele Rapa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi rringrazzja lill-ex Sindku Edwin Vassallo, fejn ukoll ferañlu għal ħidma ġdida tiegħu fil-Parlament. Huwa qal li l'ex-Sindku se jkompli jagħti l-għajnuna tiegħu lil Kunsill kull fejn ikun hemm bżonn u kull meta nsejħulu. Is-Sindku qal li minn dak in-nhar li ħa l-ħatra ta' Sindku huwa ċempel lil ħames Sindki kollha ta' qablu fejn ilkoll kemm huma wegħduh l-għajnuna tagħhom kull fejn ikun hemm bżonn.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Mario Sammut, Joseph Gatt u Dr Karl Tanti u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 33 Nru 34

Il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 16 ta' Novembru 2016 ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa li saret nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016 ġew approvati unanimament.

33.2.1 Sindku nforma lill-membri li l-agreement mal-PAMA ġie ffirmat.

33.2.2 Il-Kunsillier Alex Muscat , spjega li issa l' gvern, hekk kif ġie spjegat fl'aħħar budget, hemm skema tal-Planning Fund. Hu qal li hija ħasra li proġett bħal Wied il-Għasel ma jsirx, għalhekk ġie suġġeriet jekk il-flus ta 200,000 ewro, (li huma 20% tal proġett totali), jistax jigi użat minn dan il-fond.

33.2.3 Is-Sindku spjega li ħa jsiru l'interviews għal clerk fir-reception, wara li l'Jobsplus batulna lista ta' 10 applikanti eliġibli li jistaw jiġu mpjegati skond l'iskema ta' CIES. Is-sindku, Seg. Eżek, u l-kunsillier Frans Deguara ħa jkunu fuq il-bord tal-interviews.

33.2.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq il-Knisja hemm 2 tappieri ta' bolards, waħda bla tappiera.

33.2.5 Il-Kunsilliera Pia Bonnici talab biex ikunu nvoluti fil-festa. It-talba ġiet milqugħa mill-membri.

33.2.6 Il-Kunsillier Alex Muscat issugerrixxa li bħala Kunsill nirrispondu għar-rapport negattiv li għamel l'awditur. Għalhekk għal laqgħa li jmiss għandu jiġi mistieden l'accountant tal-kunsill Daniel Galea.

33.2.7 Is-Sindku nforma lill-membri li fl-ewwel tas-sena mistednin għand l-arċipriet u saqsa min kien ser jattendi.

33.2.8 Is-Sindku nforma lill-membri li peress li l-Kunsill qed jirċievi ħafna ilmenti li min iċempel mhux qed jaqbad, ġie magħruf li ġew ikkuntatjati tal-GO biex naraw kif nistaw nimmeljoraw is-sistema tat- telephones. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat, illi

għalkemm hemm erba impjegati tal-Kunsill jirrispondu t- telefonati, il- problema hija li jinħoloq queue ta call waiting peress li jidħlu ħafna telefonati kontinwament. Pero min qed iċċempel mhux qed jinduna li 'l linji huma kollha okkupati, u li qiegħed fi queue tal-call waiting, imma qed jaħsbu li ħadd mhu qed jirrispondi.

33.2.9 Is-sindku qal li is-Segretarju Eżekuttiv qed jaħdem fuq il-job list tal-impjegati, biex din tiġi iċ-ċirkulata mal-membri tal-Kunsill.

33.2.10 Is-Sindku ta' brief lil kunsilliera fuq in-newsletter "Mosta Solidali" li dalwaqt ħa tiġi mqassma lir-residenti tal-Mosta. L-iskop ta' newsletter huwa li jiġu nfurmati ir-residenti Mostin dwar l'aspett soċjali li għaddej fil-komunita.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku/Korrispondenza**

**33.3.1 Kommunikazzjoni - Bord fuq Incident Claims**

Sindku spjega li hemm bżonn li jinħatar dan il-bord, magħmul mil-avukat tal-Kunsill, Segretarju Eżekuttiv u membru tal-Kunsill, biex claims ta' dan it tip jiġu investigati wieħed wieħed ħalli jittieħdu l-passi neċċessarji, u nagħlquhom mil-aktar fis possibli. Ġie ssuġeriet li niċċekjaw kunsilli oħra x'jagħmlu.

**33.3.2 Korrispondenza - Taxi Stand at the end of Main Street**

Is-Sindku qara korrispondenza biex tiġi shifted taxi stand mill-car park biex tiġi fl-aħħar ta Triq il-Kbira qabel ma tasal ġewwa Pjazza Rotunda. Il-membri qablu li għandha issir din relokazzjoni.

**33.3.3 Korrispondenza - Quotation for Photocopy Repairs**

Il-membri qablu 'illi nitolbu kwotazzjoni għal 2 FSMA (Full Service Management Agreement) photocopy machines ġodda li jkunu *multi-function,* u għalissa nżommu pendenti 'l quotes li ġibna biex jissewwew il-photocopy machines li għandna l'uffiċju.

**33.3.4 Korrispondenza - Ħarġiet 2017**

Is-Sindku notifika il-Kunsilliera fuq il-ħarġiet ta' 2017. Hu dawn ġew approvati mil Kunsill.

**33.3.5 Korrispondenza - Vakanza ta' Kariga tal-President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja Mosta**

Is-sindku qara l'ittra, u 'l kunsilliera qablu li jiġu nominati Sur Joe Quattromani u Sur Hilary Vella

33.3.6 **Korrispondenza - Traffic Arrangements at Grognet Street Mosta Primary During morning afternoon school hours**

Il-Kunsilliera qablu biex jsir meeting *on site* ma Sur Vincent Brincat, Supretendent Simon Galea u Sur Ray Zammit (LESA).

33.3.7 **Korrispondenza - Collection of Seperated waste on Tuesdays in Bidnija**

Is-Sindku qara l'ittra, u 'l Kunsill ma sabx ebda oġġezzjoni li jsir *lamp post* mil-Enemalta.

33.3.8 **Korrispondenza Tiġdid tal-Leave ghas-sena 2017 – Candice Coppola**

Il-Kunsill approva talba tas Sinjura Candice Coppola sabiex iġġedded il-leave tagħħa ta 2016 għat-2017. Il-membri tal-Kunsill approvaw din it-talba.

33.3.9 **Korrispondenza- Tiġdid tal-Leave għas-sena 2017 – Liliana Borg**

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjorina Liliana Borg sabiex iġġedded il-leave tagħħa ta 2016 għat-2017. Il-membri tal-Kunsill approvaw din it-talba.

33.3.10 **Korrispondenza -Tiġdid tal-Leave għas-sena 2017 – Lorraine Zammit Tabone**

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjura Lorraine Zammit Tabone sabiex iġġedded il-leave tagħħa ta' 2016 għat-2017. Il-membri tal-Kunsill approvaw din it-talba.

33.3.11 **Korrispondenza - One Way in Triq il-Kaħwiela /one way out Triq Tengħud tax-Xagħri u tiċkien il-bankina ġo Triq San Pawl tal-Qliegħa**

Il-Kunsilliera qablu li 'l kunsill jibgħat lir-residenti għal permess tagħhom biex it-triq issir *one-way in* Triq il-Kaħwiela /u *one-way out* Triq Tengħud tax-Xagħri. Il Kunsilliera qablu wkoll li tiċkien il-bankina ġo Triq San Pawl tal-Qliegħa.

Sia il-*one-ways,* kif ukoll li tiċkien il-bankina għandhom jsiru wara li joħroġ il-permess ta' Transport Malta.

33.3.12 **Korrispondenza - Tiġdid tal-Leave għas-sena 2017 – Rita Galea**

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjorina Rita Galea sabiex iġġedded il-leave tagħha ta' 2016 għat-2017. Il-membri tal-Kunsill approvaw din it-talba.

33.3.13 **Korrispondenza - Construction and Surfacing at Triq ix-Xitwa &Triq ir-Rebbiegħa**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza.

### 33.3.14 Korrispondenza - Tiġdid tal-Leave għas-sena 2017 – Lorraine Templeman

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjura Lorraine Templeman sabiex iġġedded il-leave tagħha ta 2016 għat-2017. Il-membri tal-Kunsill approvaw din it-talba.

### 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Mistoqsijiet mingħand l-Kunsillieri ma kienx hemm.

### 33.5 Rapporti

### 33.5.1 Ċirkulari 16/2016-Ħatra ta Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq din iċ-ċirkulari lill-membri tal-Kunsill . Il-Kunsilliera qablu li tinħatar Sinjura Romina Perici Ferrante, u li Sur Michael Mifsud jibqa bħala *back-up.* Il-Kunsilliera talbu lil Segretarju Eżekuttiv biex tistaqsi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk jistax jkollna li Sur Michael Mifsud bħala *back-up.*

F'dan il-mument il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici, talbet permess biex titlaq.

### 33.5.2 Performance Appraisal Bonus – Mr Chris Camilleri

Is-Segretarju Eżekuttiv ħasset li xahrejn ma kienx biżżejjed żmien biex tevalwa lil dan l'impjegat. Is- Segretarju Eżekuttiv qalet wkoll, li l'unika nuqqas li tista tirrimarka fuq Sur Chris Camilleri illi trid toqgħod tiġri warajh biex tfakkru għal *feedback* fuq xi xogħlijiet pendenti li tkun saqsitu biex jieħu ħsieb. Il-Viċi Sindku Keith Cassar irrimarka wkoll li kemm il darba irċieva ilmenti fuq Chris, li bhala *customer care*, l'iskills tiegħu hemm bżonn li jitjiebu. Il Viċi Sindku Keith Cassar qal li fl'opinjoni tiegħu Chris għandu jingħata il 4% bħala *performance bonus*. Is-Segretarju Eżekuttiv u 'l Kunsillier James Cassar ma qablux fuq 4%, għax it-tnejn irrimarkaw li għalkemm Chris għandu bzonn jagħmel *improvement*, din id-deċizjoni kienet iktar ħa tkun negattiva fuqu.

Il-Kunsilliera qablu li jiġi mogħti 6% tal performance bonus għas-sena 2016, u 's-Sindku 'u Segretarju Eżekuttiv għandhom jiddiskutu *l'appraisal* ma Chris.

Is-Segretarju Eżekuttiv, qalet wkoll li qabel ma l'Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' qabel ħalla s-servizz tal-kunsill, tkellem ma Chris Camilleri , (fil preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv l-ġdida), u spjegalu li 'l performance appraisal ħa jigi evalwat aktar il-quddiem. Sur Michael Mifsud qal lil Sur Chris Camilleri li bħala xogħol diġa għamel *improvement*, u qallu biex ma jaqtax qalbu, u biex jirsisti' aktar. Is-Sur Michael Mifsud spjegalu wkoll ir-raġuni għalfejn is-Sur Chris Camilleri tħalla jaħdem fir-*reception*, u mhux fuq ġewwa, għax din hija għajnuna għalih personali li qegħda tgħinu. Is-Sur Chris Camilleri qabel li 'l fatt li jaħdem fir-*reception,* vera qegħda tkun ta' għajnuna għalih.

Il-Kunsilliera qablu li 'l *performance bonus* tal-impjegati m'għandhux jibqa jingħata bil-percentaġġ kollhu, imma għandu jingħata biss lil min vera ħaqqu. Il-Kunsilliera qablu li Sindku Ivan Bartolo, Il-Viċi Sindku Keith Cassar u Sur Alex Muscat, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv , jgħamlu

*meeting* ma l'istaff fil-bidu ta' Jannar 2017, biex jiġi spjegat 'l *performance bonus* tal-impjegati għas-sena 2017.

Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

33.6.1 Skeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

33.6.2 Purchase Orders

Il-membri tal-Kunsill talbu li 'l *grills* fi Triq Kurat Calleja, jiġu ċċekjati peress li dawn kellhom jsiru mil-persuna li qed taħdem f'din it triq peress li nkissru minnu. Il-purchase orders ġew approvati unanimament.

33.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew approvati unanimament.

33.6.4 Petty Cash

Il-Petty cash ġew approvati unanimament.

33.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

33.7.1 Il-laqgħa ntemmet 9.55pm u ġiet aġġornata għat- 23 ta' Jannar 2017 fis-7.30pm.

Konfermati llum 19.12.16

Ivan Bartolo
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv